MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 104/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Carmelo Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 229240(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Kidsline Limited (C25614) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23 (1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll r-regolamenti 15, 20, 21(1) u 22(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mija w ghoxrin Euro (€120); peress li l-appellant m’ghadux jirraprezenta lis-socjeta` Kidsline Limited u ghalhekk ma jistax legalment jagixxi f’isimha l-Qorti ma mponietx multa addizjonali.

Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-itess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlitt ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah mill-piena imposta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

a. Illi l-appellant qatt ma kien de facto direttur tal-kumpanija de quo u li effettivament hu ma kellu l-ebda kontroll fuqha :

Illi sa minn meta kienet inkorporata l-kumpanija l-appellant kien trattat minn hutu d-diretturi bhala semplici impjegat u qatt ma nghata xi rwol ta' tmexxija jew ta' kontroll.

Illi minkejja li fuq id-dokumenti kostittwivi tal-kumpanija l-appellant kien imnizzel bhala direttur, ir-rwol li l-appellant kien jaqdi fi hdan il-kumpanija kien ta' impjegat komuni u tant hu hekk, li l-impjegati l-ohra ma kienux iqisuh bhala xi awtorita` fuq il-lant tax-xoghol. Di fatti, l-impjegati l-ohrajn lanqas biss kienu jirrikorru ghandu ghall-htigijiet ta' kuljum, fosthom "leave" jew "sick leave".

Illi l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni jistipola illi :-
*"13. Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffichal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat".*

Illi fl-umli fehma ta' l-esponent, l-ingredjenti rikjesti mill-artikolu precitat huma ezawriti fil-fil-kaz de quo u dana ghaliex jirrizulta ampjament car illi l-appellant kien izolat mit-tmexxija u d-direzzjoni tal-kumpanija minn hutu d-diretturi l-ohrajn. Di fatti, l-appellant kien isir jaf bid-decizjonijiet li jirrigwardjaw il-kumpanija mill-impjegati l-ohrajn wara li l-istess decizjonijiet ikunu ittiehdu.

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, s-sitwazzjoni li kien fiha l-appellant tirrifletti palezement illi r-reati odjerni saru ad insaputa ta' l-appellant. Illi anke jekk, ghal-grazzja ta' l-argument biss, l-imputat seta` jiskopri b'dawn ir-reati, l-istess imputat ma kienx f'posizzjoni li seta` jaghmel xi haga sabiex jottempora l-kumpanija ma' l-imsemmija regolamenti tat-taxxa u dana ghaliex fl-ebda mument l-appellant ma kellu xi poter jew awtorita` fuq it-tmexxija tal-kumpanija jew ta' xi parti minnha.

Illi jigi sottomess li, minghajr pregudizzju ghall-aggravju segwenti, jekk stess dina l-Qorti jidhrilha illi r-rizenja minn direttur ma kienitx wahda effettiva, l-appellant ma kienx f'posizzjoni fattwali li fiha jista` jinstab responsabbli taht l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni.

b. Ir-rizenja minn direttur :-

Illi jirrizulta ben car illi fis-6 ta' April 2000, l-appellant kien baghat ittra lid-Direttur tal-Office for Commercial Partnerships fejn fiha mmanifesta l-intenzjoni tieghu li jirrizenja minn Direttur tal-kumpanija b'effett immedjat.

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti rriteniet illi :-

*"Illi mid-deposizzjoni tar-rapprezentant ta' l-MFSA jirrizulta li l-imputat kien direttur tas-socjeta` Kidsline Limited fis-snin indikati fic-citazzjoni u li huwa qatt ma rrizenja, din l-ahhar konstatazzjoni x-xhud ghamlitha peress li l-imputat qatt ma baghat il-Form K rikjesta mill-Ligi ai fini ta' rizenja".*

Aktar 'l quddiem, il-Qorti tkompli tghid li :-
*"Illi aktar minn hekk il-Qorti ma tistax taccetta l-ittra ta' l-imputat bhala rizenja effettiva konsegwentement huwa baqa` responsabbli ghan-nuqqasijiet kollha tas-socjeta` Kidsline Limited sa kemm din tpoggiet fi stat ta' stralc".*

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-esponenti jirritjeni illi sabiex persuna tirrizenja minn Direttur ta' kumpanija, m'hijiex mehtiega *ad validitatem* li l-kumpanija tissottometti l-Form K, izda dak li huwa mehtieg huwa sempliciment li l-kumpanija tibghat lir-Registratur prospett li jindika *inter alia* d-data ta' meta jkun sehh it-tibdil. Illi di fatti, l-artikolu 146 tal-Att dwar il-Kumpaniji jistipola li :-

***"146. (1) Kull kumpanija ghandha tibghat lir-Registratur ghar-registrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi taghha, s-segretarju taghha jew fir-rapprezentanza tal-kumpanija, li juri d-data tat-tibdil, flimkien ma' l-isem u r-residenza ta' kull direttur***

***gdid jew segretarju tal-kumpanija gdid, fi zmien erbatax-il jum minn dik il-bidla".***

Illi bid-dovut rispett, dan l-artikolu ma jistipolax illi l-prospett ghandu jkun fuq xi formola preskritta *ad validitatem.* Ghalkemm l-Avviz Legali 106 ta' l-1996 jippreskrivi l-formoli li ghandhom jintuzaw taht l-Att dwar il-kumpaniji, minn imkien ma jirrizulta li l-uzu ta' formoli differenti minn dawk preskritti jimporta n-nullita` tal-prospett.

Illi f'sitwazzjoni analoga, f'kaz fejn direttur ta' kumpanija irrizenja *ipso facto* ma' l-iskadenza tal-perjodu permess mill-Memorandum and Articles of Association, il-Qorti irriteniet illi t-term tad-direttur kien effettivament skada skont kif stipulat mill-Memorandum and Articles of Association nonostante li ma kienitx sottomessa l-Form K lill-awtoritajiet.

Illi di piu, l-artikolu 146(2) tal-Att tal-Kumpaniji jistipola li :-
***"(2) fin-nuqqas tat-tharis tas-subartikolu (1), kull ufficjal tal-kumpanija li jkun naqas jista` jehel penali u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra".***

Illi fl-umli fehma ta' l-esponent, dato ma non concesso li l-ittra li baghat l-appellant lid-Direttur ta' dak iz-zmien ma tikkostitwixxiex "prospett" ai termini tal-ligi, dan in-nuqqas fl-aghar ipotezi, jimporta biss il-multa u mhux in-nullita` tal-prospett. Illi dan l-argument huwa ritenut ukoll mill-Prof. Andrew Muscat fil-ktieb tieghu "Principles of Maltese Company Law" fejn jinghad illi :-

***"The Court of Appeal appears to have however implied that unless the termination of office of a director esults from the memorandum or articles of association, then the termination is not effective until the Form K is registered. Such an approach would, it is submitted, be incorrect. Both the Commercial Partnerships Ordinanace and the Companies' Act impose an obligation on a company to make a return of any change amongst its directors. The obligation is clearly to notify the Registrar of the change that***

***has occurred. Indeed, the Form K should specify the "date of the change" and it should be filed within fourteen days "from the happening thereof". The consequence for non-filing or late filing is a penalty. Nowhere does the law state or imply that the change amongst directors is not effective until the change has been registered. Indeed, to subject the effectiveness of ther termination of the office of a director to the delivery of the formal notice to the Registrar would lead to anomalous and unacceptable situations. For example, a director who resigns from office would continue to be regarded as a director at law until the company files the Form K. Or persons appointed as directors (say at any annual general meeting) would not be able to act as directors until the company formally notifies the Registrar of Companies of the replacement – and, in the meantime, those directors who would have retired at the end of the annual general meeting would be deemed to have continued in office!"***

Illi b'hekk, l-esponent jissottometti illi minkejja li l-appellant ma baghatx il-prospett preskritt mill-ligi, u cioe` il-Form K, dana ma jfisser bl-ebda mod illi r-rizenja ta' l-appellent minn Direttur tal-kumpanija m'hijiex wahda effettiva ai termini tal-ligi.

Illi bid-dovut rispett, jigi sottomess ukoll illi d-Direttur ghandu l-fakolta` li jiehu dawk il-passi kollha sabiex jaccerta ruhu mill-korrettezza tal-prospett kif ukoll sabiex jizgura li d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-kumpaniji jigu mharsa. San jirrizulta mill-proviso ta' l-artikolu 146(1) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji li jistipola li :-
***"Izda r-Registratur jista`, qabel ma jirregistra l-prospett, jiehu dawk il-passi w jitlob dak it-taghrif li jkun mehtieg biex jizgura l-korrettezza tal-prospett u biex jistabbilixxi jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tharsu".***

Illi mill-fatt stess li r-Registratur, li dak iz-zmien kien id-Direttur tal-Office for Commercial Partnerships, ma kkomunikax ma' l-appellant minn meta rcieva l-ittra fis-6

ta' April 2000, huwa sinjal illi r-registratur kien sodisfatt li (1) it-taghrif inkluz fil-prospett huwa wiehed korrett u (2) li d-disposizzjonijiet ta' l-Att kienu tharsu, b'dan illi r-rizenja ta' l-appellant minn Direttur kienet wahda valida ai termini tal-ligi.

Illi b'hekk, fid-dawl tas-suespost, l-esponent jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx ragjonevolment issib illi l-appellant kien direttur effettiv tal-kumpanija Kidsline Ltd u *multo magis* ma setax jinstab hati tar-reati dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjoni magħmula mill-Ewwel Qorti jekk din setgħet tasal għal din il-konklużjoni legalment u raġjonevolment.

Illi, dwar il-fatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Frar 2012 kienet qalet hekk:

***''Illi jibda biex jingħad illi jekk il-Qorti taċċetta li r-riżenja tal-imputat kienet effettiva fis-sena 2000, allura l-imputazzjoni fil-konfront tiegħu tirriżulta ppruvata għan-nuqqasijiet tas-Soċjeta' Kidsline Limited sas-sena 2000. Il-fatt li l-imputat jallega li huwa qatt ma kein stmat bħala direttur u li ma kienx ikun mistieden għall-board meetings mhux suffiċjenti biex jeżonera ruħu mir-responsabilitajiet tiegħu ta' direttur b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-obbligi fiskali tas-soċjeta' li huwa kien jirrappreżenta.***

***Illi aktar minn hekk il-Qorti ma tistax taċċetta l-ittra tal-imputat bħala riżenja effettiva. Konsegwentement huwa baqa' responsabbli għan-nuqqasjiet taa-soċjeta' Kidsline limited sakemm din tpoġġiet fi stat ta' stralċ.'***

Din il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid u fil-qosor minnhom jirriżulta dan li ġej.

(a) Mix-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni jirriżulta li l-kumpanija Kidsline Limited għandha tliet diretturi u wieħed minnhom huwa l-appellant. Dan joħroġ mill-Memorandum and Articles tal-Kumpanija. Id-dokumenti FS 7 u FS 3 huma iffirmati minn Raymond Cutajar – direttur ieħor tal-kumpanija.

(b) Mix-xhieda tar-raprreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji jirriżulta li l-appellant jidher fost id-diretturi tal-kumpnanija Kidsline Limited sal-15 ta' Frar 2006. Il-Kumpanija suppost li bagħtet il-Form K. Fit-23 t'Ottubru 2006, huma rċevew ittra minn għand l-appellant li huwa kien irriżenja minn direttur fis-6 t'April 2000. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ma jidħolx fl-inkwiet li jkun hemm bejn id-diretturi. Għar-Reġistratur tal-Kumpaniji r-riżenja ta' direttur minn kumpanija għandha tkun bil-Form K biss. Jirriżulta wkoll li fis-sena 2006 kienet intbagħtet ittra lill-appellant li fejn kien infurmat li l-Form K kienet indispensabbli. (fol 38)

(ċ) Skont dak li xehed l-appellant huwa kien irriżenja minn direttur fis-sena 2000 u bagħat ittra lid-Direttur tal-Kumpaniji. Huwa ma kien stmat assolutament xejn mill-ewwel jum li kienet iffurmata l-kumpanija. Huwa kien iddeċieda li jagħmel il-parts mal-magni u ġieli ħadem tliet shifts. Huwa kien sema' bil-Form K meta l-kumpanija kienet ġiet xolta fit-8 ta' Novembru 2006.

(d) Skont ix-xhieda l-oħrajn imtellgħin mid-difiża jirrisulta li d-diretturi kien ikollhom ħafna xi jgħidu. Id-direttur Raymond Cutajar kien qisu l-amministrattur. [1] Iż-żewġ diretturi l-oħra kienu dejjem qishom għalihom u lill-appellant kienu qatgħuh 'il barra.[2] L-appellant ma kienx trattat tajjeb minn ħutu għax ma kienu jikkalkulawh xejn u dwar leave jew pagi huwa kien jirreferihom għand ħutu. Huma kienu jisimgħu ħafna għajjat. [3]

## Is-Sottomissjonijiet tad-difiża fil-qosor

[1] Xhud Charlene Cortis a fol 44
[2] Xhud Justin Cascun a fol 46
[3] Xhud Mrs Cascun a fol 48.

Is-sottomissjonijiet huma dawn:

(i) Li l-form K mhix neċessarja għad-validatem għar-riżenja ta' direttur.

(ii) Li effettivament l-appellant kien irriżenja fis-6 t'April, 2000.

(iii) Li huwa ma kellu ebda kontroll għax effettivament kienu jmexxu ħutu u li l-appellant kien kważi sempliċi ħaddiem. Għalhekk ma kienx jaf x'qed jiġri fl-amministrazzjoni tal-kumpanija.

**Punti ta' Liġi Relevanti**

Illi huma relevanti għal dawn is-sottomissjonijiet dawn l-artikoli tal-Liġi li ġejjin:

**Mill-Kap 386:**

**146.** (1) Kull kumpannija għandha tibgħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi tagħha, is-segretarju tagħha jew fir-rappreżentanza tal-kumpannija, li juri d-data tat-tibdil, flimkien mal-isem u r-residenza ta' kull direttur ġdid jew segretarju tal-kumpannija ġdid, fi żmien erbatax-il jum
minn dik il-bidla:

Iżda r-Reġistratur jista', qabel ma jirreġistra l-prospett, jieħu dawk il-passi u jitlob dak it-tagħrif li jkun meħtieġ biex jiżgura l-korrettezza tal-prospett u biex jistabbilixxi jekk id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu.

(2) Fin-nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (1), kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

**Taħt l-Avviż Legali 101 tal-1996**

FORMOLI TAĦT L-ATT DWAR IL-KUMPANNIJI [L.S.386.01 19

Formola K

Nru tal-Kumpannija ..............................

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI

**Avviż ta' tidbil fid-diretturi jew segretarju ta' kumpannija jew fir-rappreżentanza tal-kumpannija**

Skond l-artikolu 146(1)
Isem tal-Kumpannija
.........................................................................................
Konsenjat minn
.........................................................................................
.........
-------------------------------------------------------------------------
--------------------
Lir-Reġistratur tal-Kumpanniji:
(a) ........................................................... b'dan qegħda tavża skond l-artikolu
146(1) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji li:

Data effettiva tal-bidla
.......................................................................................
Firma ..............................................

Direttur/Segretarju/Manager*
Illum .......................... ta' ...................... tas-sena
...............
-------------------------------------------------------------------------
--------------------

Din il-formola trid timtela permezz ta' kliem ittajpjat.

(a) Niżżel l-isem tal-kumpannija.

Ħassar kif jinħtieġ

**Il-Kap 249**

13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u
li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:

Mill-artikolu 146 tal-Kap 386, jekk jittieħed flimkien mal-Avviż Legali 101 tal-1996, huwa dmir tal-Kumpanija reġistrata li tgħarraf lir-Reġistratur tal-Kumpaniji li kien hemm bdil fl-ismijiet tad-Diretturi. Biss il-Qrati tagħna dejjem imxew mal-prinċipju li.sakemm ma jodhirx mod ieħor, min jidher ismu fuq il-Memorandum and Articles of Association huwa direttur. Filfatt, hekk qalet il-Qorti fis-sentenza tagħha

'Hu risaput li, vis-a -vis it-terz, ir-rappresentanza ta' kumpanija hija vestita f'dawk il-persuni imsemmija fil-Memorandum of Articles tal-kumpanija. Il-kwistjoni tar-rizenja ta' xi direttur li ma tkunx giet reġistrata, irid jarha hu mar-Registratur tal-Kumpanniji, pero', din mhix kwistjoni li ser teffettwa kawza li tkun imxiet tajjeb kontra d-diretturi kif kienu jidhru fl-atti reġistrati tas-socjeta'.'[4]

[4] Il-konvenut Michael A. Fenech jirrileva illi huwa kien irrezenja minn direttur f'Ottubru tal-1992, pero', kif
jammetti hu stess, din ir-rizenja tieghu ma gietx registrata mir-Registratur tal-Kumpaniji. Intqal hafna fuq dan innuqqas o meno tar-Registratur li jirregistra din ir-rizenja, pero, il-fatt jibqa' li din ir-rizenja ma gietx registrata, u t-terz, li jrid jidderigi ruhu minn dak biss li jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association kif jinsabu fir-Registru tal-Kumpaniji ma kienx avzat b'dik ir-rizenja, u, kwindi, seta' legalment ikompli jharrek lil Alfred Fenech u lil Michael A. Fenech li baqghu jidhru bhala rrappresentanti legali tal-kumpanija Fenech Estates Limited.

Għalhekk f'dan il-każ, la isem l-appellant kien għadu jidher fuq il-Memorandum and Articles of Association, ma kien hemm xejn x'jostokola li jitmexxew proċeduri kriminali kontrih. F'dan il-każ lanqas biss inġiebet prova li din l-ittra ta' riżenja ntbagħtet lill-Kumpanija Kidsline. U jekk dan il-prinċipju jgħodd għall-każi ċivili, din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandux jgħodd għall-każi Kriminali wkoll.

Isegwi li l-Qorti, għalkemm il-mili tal-form K huwa d-dmir tal-kumpanija, mhix tilqa' din il-parti tal-aggravju li tolqot il-parti immarkata (b) tal-aggravju ġaladarba ismu baqa' jidher fuq il-Memorandum and Articles of Association. Kien id-dmir tiegħu li **jara** li l-kumpanija tibgħat tali informazzjoni fuq il-formola rikjesta mil-Liġi u li jekk dan ma jseħħx allura jrid jieħu l-passi legali għad-dispożizzjoni tiegħu. Min jaċċetta kariga ta' direttur jaf ukoll li qed jaċċetta ċerta dmirijiet.

Issa fl-ewwel parti tal-aggravju, l-appellant jissottometti li huwa ma kellux kontroll effettiv tal-kumpanija u li fi kwalunkwe każ għandu japplika l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249). Kien għalhekk li huwa xehed u tella' diversi xhieda sabiex juri kif id-diretturi l-oħra kienu prattikament imexxu kollox u li huwa ma kienx stmat fil-kumpanija.

Dwar dan l-Ewwel Onorabbli Qorti nnotat li l-appellant bagħat it-riżenja tiegħu fis-sena 2000 (fejn għalaq sittin sena kif wieħed jista' jara mill-ID Card). Sa dak iż-żmien ma kien għamel l-ebda ċaqliqa (u dan ikopri tliet snin li hemm indikati fiċ-ċitazzjoni: 1998, 1999 u 2000). [5]

---

Jekk ir-Registratur tal-Kumpaniji agixxiex sew meta ma irregistrax ir-rizenja ta' Michael A. Fenech, mhux rilevanti ghal din il-kawża, għax li hu importanti għal din il-kawża, li hi azzjoni minn terz kontra s-soċjeta' Fenech Estates Limited, hu li terz harrek debitament lil min, skond l-atti tal-kumpanija, kien jidher bħala r-rappresentant tagħha. Hu risaput li, vis-à-vis it-terz, ir-rappresentanza ta' kumpanija hija vestita f'dawk il-persuni imsemmija fil-Memorandum of Articles tal-kumpanija ("Cassar Pullicino noe vs Zahra noe", deċiza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1996.' (Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Imħallef Dr Tonio Mallia 14 ta' Novembru 2001 Adrian Borg noe versus Alfred Fenech nomine).

[5] Mill-fedina penali tal-appellant jidher li kien hemm diversi każi oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-appellant tħarrek bħala direttur

Jista’ jkun veru li r-relazzjonijiet mad-Diretturi l-oħra ma kinux mill-aħjar. Jista’ jkun veru wkoll li l-appellant saħansitra kien jgħid lill-impjegati l-oħra biex imorru jkellmu lil ħutu dwar pagi jew leave. Iżda dawn l-istess fatti juru li l-impjegati l-oħra kienu xorta qegħdin iqisuh bħala persuna li għandu status differenti minn tagħhom. Il-Qorti mhix taċċetta l-argument li l-appellant għandu jkun liberat minn kull dmir li timponi fuqu l-liġi bħala direttur meta naqas li jikkonsulta sew ma’ min jifhem f’din il-materja beix jara li jkun regolarizzat kollox. Għalhekk mhix qed taċċetta dik il-parti tal-aggravju mmarkata (a) għaliex mhix konvinta li l-appellant, bħala direttur, kien ħa dawk il-passi meħtieġa biex jara l-pożizzjoni korretta legali tiegħu u, sakemm din tkun iċċarata, jara li l-obbligi li jaqgħu fuq is-soċjeta’ li tagħha kien direttur ikunu segwiti.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

ta’ Kidsline Limited minħabba nuqqas ta’ ħlas ta’ pagi u hemm indikat sal-perjodu 3 ta’Novembru 2005 u sal-perjodu 7 ta’ Novembru 2005.